**Brincat Anna at Parlament-MT**

| | |
|---|---|
| **From:** | Herrera Jose at MESDC-MIN |
| **Sent:** | 25 April 2018 17:41 |
| **To:** | Brincat Anna at Parlament-MT |
| **Subject:** | Fwd: |

Sent from my iPad

Begin forwarded message:

. Illi A. 74 (1) tal-Kap 552 jimponi li "Deċiżjonijiet fuq applikazzjonijiet għandhom jittieħd u bla dewmien";

3. Illi A. 13 (1) ta' LS 552.13 jitlob mill-Bord tal-Ippjanar biex jappunta l-ewwel seduta li matulha għandha tiġi diskussa l-applikazzjoni għal żvilupp mill-Bord tal-Ippjanar fi żmien mitt ġurnata mid-data ta' validazzjoni. Id-data tal-validazzjoni hija dik id-data meta l-Awtorita tikkonsidra l-applikazzjoni bhala wahda valida u li cioe meta din tkun sottomessa u pubblikata fuq is-sit elettroniku tad-Dipartiment tal-Informazzjoni. Dan ifisser wara li li jsiru l-istudji necessarji, il-pagament u r-requirement li jkunu intalbu fl-iscreeing letter ikunu kollha gew indirizzati. Il-mitt gurnata ma tapplikax fil-kaz t'applikazzjoni ghal procedura sommarja;

4. Illi huwa l-applikant li jista' jitlob sospenzjoni tal-applikazzjoni ai termini t'art. 13 (2) (b) ta' LS 552.13 fejn it-terminu ta' 100 gurnata jista' jigi sospiz wara li l-

Ministru jkun ikkomunika lill-Awtorità li *policy* partikolari tkun qed tiġi riveduta, u f'dak il-każ, l-Awtorità għandha tinnotifika lill-pubbliku b'tali intenzjoni permezz ta' pubblikażżjoni fuq is-sit elettroniku tagħha u l-Bord tal-Ippjanar jirċievi talba minn applikant fil-perijodu stabbilit fir-regolament 12(5) - u cioe fi zmien 10 t'ijiem meta c-chairman ezekuttiv jircievi rapport kkumpillat fir-rigward tal-iżvilupp propost. Is-sospensjoni għandha tibqa' fis-seħħ sakemm il-*policy* li qed tiġi riveduta tidħol fis-seħħ jew sakemm l-applikant jirtira it-talba għas-sospensjoni. F'dan il-kaz ta' min jirrileva li la l-Gvern u lanqas il-ministru responsabli mill-PA m'ghamel tali notifika;

5. Illi oltre dan ghandu jinghad A. 72 tal-Kap 552 jghidlek li l-Planning Board jehtieglu li jiddieci fuq plans u policies vigenti u dan anke kif ikkkonfermat mill-Qorti tal-Appell fil-kaz Godwin Gauci vs. Awtorita tal-ippjanar li qalet hekk "Illi kwantu ghall-applikazzjoni tal-Pjan Lokali ma hemm l-ebda dubju li. bhala regola generali il-principju skond il-gurisprudenza nostrali hija li l-policies applikabli ghal kaz huwa dawk ezistenti fil-mument li tkun ser jigi deciz il-kaz";

6. Illi galadarba l-Planning Board huwa meqjus bhala quasi gudizjarju japplika ghalih Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni li jitlob smiegh xieraq fi zmien ragjonevoli.